# KULLEĠĠ SAN THOMAS MORE
# CARLO DIACONO
# SKOLA MEDJA U SEKONDARJA
# ŻEJTUN

KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE
CARLO DIACONO
Skola Medja u Sekondarja, Żejtun

# POLICIES TAL-ISKOLA

## GĦALL-ISTUDENTI & ĠENITURI/KUSTODJI

## 2025-2026

# IL-VIŻJONI TAL-ISKOLA TAGĦNA - NGĦALLMU U NITGĦALLMU FI KLIMA POŻITTIVA

# WERREJ


| | PAĠNA |
|---|---|
| POLICY TAD-DIXXIPLINA | 4 |
| POLICY TA' SISTEMA TA' PUNTI GĦALL-IMĠIBA U PASSI DIXXIPLINARJI | 5 |
| POLICY TA' SISTEMA TA' REWARDS GĦALL-IMĠIBA TAJBA | 6 |
| POLICY TAL-UNIFORMI TAL-ISKOLA | 6 |
| POLICY TAL-HOMEWORK | 7 |
| POLICY TAL-QARI | 9 |
| POLICY TAL-LOCKERS | 9 |
| POLICY KONTRA L-BULLYING | 10 |
| POLICY DWAR L-EKWITÀ BEJN IS-SESSI | 11 |
| POLICY DWAR IKEL TAJJEB GĦAS-SAĦĦA | 12 |
| POLICY KONTRA T-TIPJIP | 12 |
| POLICY DWAR IL-MOBILE | 13 |
| POLICY DWAR ĦARĠIET EDUKATTIVI | 13 |
| POLICY GĦALL-KURA PASTORALI | 15 |
| PROĊEDURI SPEĊIFIĊI | 16 |
| POLICY DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI | 17 |

# POLICY TAD-DIXXIPLINA

**L-GĦAN TAL-POLICY** - Gwida ċara ta' mġiba u dixxiplina sabiex:
- jinħoloq **ambjent pożittiv** li jgħinna nilħqu l-iskopijiet tal-iskola;
- l-istaff ikun **iggwidat** kif għandu jaġixxi meta jinqala' l-bżonn;
- inrawmu u nħaddnu livelli għolja ta' **mġiba tajba u dixxiplina,** u
- l-istudenti jkunu **responsabbli** tagħhom infushom.

L-iskola tħares lejn iż-żmien li l-istudenti jqattgħu fiha bħala żmien fejn huma:
- jgħaddu **mentalment** u **fiżikament** mit-tfulija għall-adoloxxenza;
- jiżviluppaw **intellettwalment** u **emozzjonalment**;
- jagħrfu aħjar **id-dinja ta' madwarhom** u l-isfidi li jiltaqgħu magħhom;
- isaħħu **l-edukazzjoni ġenerali** tagħhom, u
- iħejju ruħhom għal **edukazzjoni ogħla** u **għad-dinja tax-xogħol**.

**ID-DMIRIJIET TAL-ISTUDENTI - IR-RISPETT LEJNA NFUSNA U LEJN L-OĦRAJN.**
L-istudenti għandhom:
- juru **rispett** lejn il-Kap, l-Assistenti Kapijiet, l-għalliema u l-istaff kollu fl-iskola;
- juru **rispett** lejn sħabhom tal-klassi u tal-iskola;
- ifittxu parir mingħand **Form Teacher** u/jew **Guidance Teacher** f'każ ta' bżonn;
- **iġibu ruħhom b'imġiba tajba** f'kull ħin, speċjalment fuq it-trasport tal-iskola;
- **jattendu l-iskola kuljum** u jkunu **puntwali** għall-assembly;
- jilbsu **l-uniformi sħiħa** kuljum u jżommu **dehra pulita u nadifa**;
- iżommu **stil ta' xagħar pulit** u **kulur naturali** li jmur mal-uniformi tal-iskola;
- jagħmlu x-xogħol tal-**klassi** u **tad-dar** bis-serjetà;
- **jinżlu b'mod ordnat mit-turġien** meta akkumpanjati mill-għalliem/a lejn il-grada tal-iskola waranofsinhar, u f'kull ħin ieħor tal-ġurnata;
- iżommu **l-ambjent tal-iskola** fi stat tajjeb u nadif;
- jagħmlu użu tajjeb **mill-propjetà tal-iskola**;
- jieħdu **sehem fl-attivitajiet** li jiġu organizzati waqt il-brejk ta' nofsinhar, u
- jkunu **responsabbli** għall-proprjetà personali.

**X'MHUX PERMESS** - Dawn li ġejjin huma **STRETTAMENT IPPROJBITI** fl-iskola:
- **ħruġ** mill-klassi mingħajr permess **u skartar mil-lezzjonijiet u mill-iskola**;
- **tħarbit u tfixkil** tal-lezzjonijiet;
- **tlajjar** fil-kurituri u fit-toilets bejn lezzjoni u oħra u waqt il-lezzjonijiet;
- **ġiri** u **logħob** fil-kurituri u fit-turġien;
- **ikel u xorb** fil-klassijiet, fil-kurituri u fit-toilets;
- logħob **fl-Out of Bounds Areas**;
- **rimi ta' skart** bl-addoċċ ġol-iskola;

- **ġlied, tgħajjir, gideb u bullying** f'kwalunkwe forma fuq studenti oħra;
- **diskriminazzjoni, manjieri arroganti, kliem baxx u oxxen, dagħa u mġiba vulgari;**
- l-**użu ta' toilets** oħrajn minbarra **dawk fis-sular t'isfel u dawk fl-ewwel sular waqt ħin il-brejk;**
- **chewing gum/ammont kbir ta' flus** iżjed milli huwa meħtieġ;
- **sigaretti**, **alkoħol** jew **sustanzi** oħra;
- oġġetti li **jaqtgħu** jew **bil-ponta** li jistgħu jikkaġunaw ħsara permanenti;
- **materjal pornografiku**;
- **mobile phones, Smartwatches u portable speakers;**
- **gadgets elettroniċi oħra, u**
- **mediċina miżmuma mill-istudenti.**

**L-iskola ma tieħux responsabbilità f'każ ta' tkissir u/jew għajbien ta' dawn l-oġġetti miġjuba kontra r-regolamenti u kkonfiskati minn membri tal-istaff. L-iskola mhux fid-dmir li tfittex oġġetti mitlufa/misruqa li jinġiebu bla permess u kontra r-regoli.**

## POLICY TA' SISTEMA TA' PUNTI GĦALL-IMĠIBA U PASSI DIXXIPLINARJI

Mill-bidu ta' din is-sena skolastika, l-iskola tagħna qed tuża **Sistema Magħquda għall-Ibbilanċjar tal-Imġiba** biex tieħu ħsieb u tħeġġeġ l-imġiba tal-istudenti b'mod ġust u trasparenti. Minflok ma nżommu rekords separati tal-imġiba u tal-progress, inżommu **bilanċ wieħed li jiġġedded kontinwament** u li jirrifletti l-qagħda ġenerali ta' kull student.

**Kif taħdem**

- L-istudenti kollha jibdew is-sena skolastika b'**0 punti**.
- **Azzjonijiet pożittivi** iżidu l-punti; **azzjonijiet negattivi** inaqqsu l-punti.
- Il-bilanċ jiżdied jew jonqos matul is-sena u jagħti **stampa iżjed ċara** tal-kondotta kurrenti.

**Għaliex ser nużawha**

- **Ċarezza u trasparenza:** bilanċ wieħed hu faċli biex jinftiehem mill-istudenti, il-ġenituri/kustodji u l-istaff.
- **Titjib fl-imġiba u tkabbir:** studenti li jagħmlu żbalji jistgħu jtejbu l-qagħda tagħhom; **punti pożittivi** miksuba aktar 'il quddiem **jistgħu jikkumpensaw għat-tnaqqis** ta' qabel.
- **Ninċentivaw l-imġiba pożittiva:** ir-rabta diretta bejn l-għażliet pożittivi u l-bilanċ ġenerali **tħeġġeġ kondotta kostruttiva**.

Student li jonqos li jġib ruħu sew fl-iskola, fuq it-trasport jew waqt xi ħarġa edukattiva, jingħatawlu ammont ta' punti skont kemm tkun serja l-offiża, u fid-diskrezzjoni tal-

iskola skont il-każ. **Records ta' dawn l-offiżi jinżammu fil-file personali** u l-punti mogħtija jissarrfu f'detterrenti skont kif ġej:

**Ma' kull -10 Punti** – **Yellow Sheet Report** jintbagħat id-dar biex jiġi ffirmat mill-ġenituri/kustodji u l-istudent jinżamm ġewwa fil-brejk.
**Ma' kull -30 Punt** – **Green Sheet Report** jintbagħat id-dar biex jiġi ffirmat mill-ġenituri/kustodji u l-istudent jinżamm wara l-ħin tal-iskola.
**Aktar minn -90 Punt** – jittieħdu passi oħra dixxiplinarji maqbula mal-**Kap tal-Kulleġġ**.

**Il-punti negattivi huma maqsumin fi tliet livelli: nuqqasijiet Minuri, Moderati u Maġġuri ħalli l-konsegwenzi jkunu proporzjonati skont il-gravità tal-imġiba.**

L-imġiba ta' kull student titniżżel fir-rapport annwali u fiċ-ċertifikat tal-aħħar tas-snin sekondarji.

## POLICY TA' SISTEMA TA' REWARDS GĦALL-IMĠIBA TAJBA

L-iskola għandha sistema ta' punti pożittivi sabiex **tirrikonoxxi u tagħti mertu lil studenti** li jeċċellaw fl-imġiba u fil-progress, bħala inċentiv. Kull darba li student jirċievi punti ta' mertu **(3 punti)**, il-ġenituri/kustodji tiegħu/tagħha ser jirċievu email. Dawn il-punti jissarrfu **f'Ċertifikati ta' Mertu** kif ġej:

**+20 Punt (4 Azzjonijiet Pożittivi)** – L-istudent se jirċievi **Bronze Merit Certificate**.
**+35 Punt (7 Azzjonijiet Pożittivi)** – L-istudent se jirċievi **Silver Merit Certificate**.
**+50 Punt (10 Azzjonijiet Pożittivi)** – L-istudent se jirċievi **Gold Merit Certificate**.
**+75 Punt (15 Azzjonijiet Pożittivi))** – L-istudent se jirċievi **Platinum Merit Certificate**.

Kull term, minn kull sena differenti li għandna ser jibda jkun magħżul/a student/a bħala **'L-iStudent tat-Term'** mill-għalliema skont ħames kriterji. L-isem tal-istudent/i ser jiġi mnaqqax fuq shield li iżjed tard imbagħad titwaħħal fil-kurituri tal-iskola. Il-ħames kriterji huma kif ġej:

1. **Marki tajbin fl-assessjar.**
2. **Xogħol magħmul fil-ħin, b'attenzjoni u b'dedikazzjoni.**
3. **Sforz kontinwu u titjib evidenti.**
4. **Imġiba eżemplari u kontinwa kemm fil- u barra mill-klassi.**
5. **Rispett lejn l-awtorità u lejn studenti oħra.**

## POLICY TAL-UNIFORMI TAL-ISKOLA

Hija **r-responsabbilità tal-ġenituri** li jaraw li wliedhom ikunu lebsin l-uniformi kuljum. L-istudenti kollha jridu jilbsu l-uniformi skont kif ġej:

- **Uniformi tas-sajf - polo shirt tal-Kulleġġ bil-kmien qosra, qalziet chino (twil) tal-Kulleġġ,** gym shoes **iswed u** kalzetti **suwed/bojod.**

- **Uniformi tax-xitwa - anorak tal-Kulleġġ, polo shirt tal- Kulleġġ bil-kmiem twal, qalziet (twil) u ġakketta tat-tracksuit tal- Kulleġġ,** gym shoes **iswed u** kalzetti **suwed/bojod.**
- **Uniformi tal-PE - T-Shirt tal-PE tal-Kulleġġ, shorts tal-PE tal- Kulleġġ (jintlibes minn taħt il-qalziet chino jew tat-tracksuit u jintuża waqt il-lezzjoni tal-PE biss), ġakketta tal-Kulleġġ fix-xitwa, beritta tal-Kulleġġ,** gym shoes **iswed u** kalzetti **suwed/bojod.**

F'każ ta' ksur tar-regolamenti relatati mal-uniformi, il-ġenituri/kustodji jistgħu jintalbu biex jew iġibu l-oġġett/i t-tajba tal-uniformi l-iskola **mingħajr dewmien**, jew inkella biex jiġu jiġbru lill-istudent sabiex il-kwistjoni tissolva. Sakemm dak in-nuqqas partikolari jiġi kkoreġut, l-istudent ma jkunx ammess l-iskola jew fil-klassi u jibqa' fiż-żona tar-reception sakemm jasal il-ġenitur/kustodju. Għaldaqstant, l-osservanza tal-uniformi tal-iskola hija obbligatorja f'kull ħin.

**Kitba, tpinġija u taħżiż fuq l-uniformi mhuma bl-ebda mod aċċettati** u f'każ bħal dan l-uniformi jkollha titnaddaf jew tinbidel minnufih.

**Ix-xagħar irid ikun ta' KULUR WIEĦED u NATURALI.**

**X'MHUX PERMESS MAL-UNIFORMI -**

- l-ebda tip ta' **xagħar fancy (li jinkludi linji u kull forma ta' disinji);**
- l-ebda tip ta' **eyebrows u eyelashes fancy;**
- **użu eċċessiv ta' ġell** iebes max-xagħar;
- **xagħar twil maħlul/mitluq (**ix-xagħar għandu jinżamm marbut il-ħin kollu);
- **hairbands ikkuluriti** (blu u suwed biss permessi) **u aċċessorji fancy;**
- **kull tip make-up;**
- **nail polish tal-kulur, nail art u gel, French manicure, u/jew dwiefer twal u/jew bil-ponta;**
- **brazzuletti, ċrieket, ġiżirajjen u ġojjelli;**
- **body piercing;**
- **kull tip ta' msielet** għajr minn par tal-istess għamla bħal fosos żgħar, u
- **tpinġijiet** fuq xi parti tal-ġisem tal-persuna

## POLICY TAL-HOMEWORK

**L-ISKOP TAL-HOMEWORK** - Il-homework:

- huwa **parti integrali** mit-tagħlim tal-istudenti;
- jista' jkun **taħriġ bil-miktub jew le** sabiex dan jitlesta d-dar;
- **jikkumplimenta x-xogħol tal-klassi u** jinkludi xi studju għad-dar;
- jippromwovi **t-tkattir akkademiku** u **r-responsabbiltà**;
- idaħħal **sens ta' kreattività** permezz ta' studju individwali;

- jgħin biex jiżviluppa **xogħol u drawwiet ta' studju tajbin**, u
- **jinkoraġġixxi lill-istudenti** biex jiżviluppaw mentalment.

**TIPI DIFFERENTI TA' HOMEWORK**

- **Preparatorju** – jipprepara lill-istudent għal-lezzjonijiet li jkunu ġejjin.
- **Prattiku** - issaħħaħ it-tagħlim li jkun diġà sar fil-klassi.
- **Kreattiv** - jipprovdi opportunitajiet ta' sfida fit-tagħlim.
- **Kontinwu** – assignments/xogħlijiet li huma parti mill-assessjar kontinwu**.**

**LINJI-GWIDA GĦALL-HOMEWORK - Il-homework**:

- jingħata wara **spjegazzjoni sufficjenti** biex l-istudent ikun jaf xi jrid jagħmel;
- **mhuwiex xi forma ta' kastig**;
- ikun **ikkoreġut** fil-klassi u/jew mill-għalliem u jkun **ippjanat bir-reqqa** mill-għalliema kollha;
- **jingħata bis-sens u bil-galbu** għal kull suġġett, u
- **mistenni lura** minn kull għalliem u għandu jingħata lura fiż-żmien miftiehem.

**L-istudenti huma responsabbli li jiktbu l-HW fid-djarju tal-iskola tagħhom u li jaġġornaw id-djarju tal-iskola b'mod regolari.**

**IR-RESPONSABBILITAJIET TAL-ĠENITURI/KUSTODJI**

- **Rispons pożittiv** mill-ġenituri sabiex jgħinu lit-tfal tagħhom fil-homework.
- Jistennew homework **kuljum** u jinsistu li dan isir b'mod regolari.
- Jipprovdu **ambjent imdawwal** u xieraq fejn it-tifel/tifla j/tista' j/tistudja fil-kwiet.
- Iżommu **kuntatt bejn id-dar u l-iskola** permezz ta' telefonati, Jum il-Ġenituri u billi jikkuntattjaw lill-għalliema tal-iskola meta jħossu l-bżonn li jagħmlu dan.
- **Juru interess** fil-homework iżda **m'għandhom QATT jagħmluh huma** għat-tifel/tifla.
- **Jieħdu sehem attiv fit-tagħlim** tat-tifel/tifla billi jipprovdu esperjenzi interessanti.
- **Jinkoraġġixxu l-qari** għall-pjaċir u jippruvaw jaqraw mat-tifel/tifla.
- Jinkoraġġixxu lit-tifel/tifla sabiex j/tara gazzetti, rivisti u kotba oħrajn.
- **Jiċċekkjaw b'mod regolari li l-homework qiegħed isir.**
- **Jiċċekkjaw id-djarju tal-iskola** ħalli jaraw jekk hemmx xi messaġġi mill-għalliema**.**

**L-għalliema jinfurmaw lill-ġenituri dwar HW nieqes permezz tad-djarju tal-iskola/email/telefonata skont il-każ. L-istudenti jingħataw punti ta' dixxiplina u jinżammu detention fil-brejk ta' nofsinhar sabiex jagħmlu x-xogħol li ma jkunx sar.**

# POLICY TAL-QARI

**L-GĦAN TAL-POLICY**: li **nrawmu kultura favur il-qari** u li noħolqu ambjent addattat fejn il-qari jiġi ċċelebrat, apprezzat u rrispettat. **Il-qari hu l-qalba tal-kurrikulu** u għalhekk hu importanti ħafna għas-**suċċess personali, soċjali u akkademiku tal-istudenti, kif ukoll għall-benesseri ġenerali tagħhom**.

Bħala skola aħna **responsabbli li nrabbu mħabba għall-qari** fl-istudenti:
Ir-**rkejjen għall-qari** f'kull sular tal-iskola fejn l-istudenti jistgħu jmorru u jsibu kotba x'jaqraw.

Nippromwovu **l-użu tal-librerija tal-iskola** waqt ħinijiet il-brejk.

**Waqt replacements** (free lessons) l-istudenti huma mitluba li **jaqraw għall-madwar 15-il minuta**. Huma jistgħu jew iġibu ktieb tal-qari tagħhom mid-dar jew inkella jieħdu ktieb mill-eqreb rokna tal-qari.

**Nippremjaw lil dawk l-istudenti li jħobbu jaqraw** billi jingħataw punti pożittivi: studenti li għandhom entużjażmu għall-qari, li jaqraw kemm jifilħu, kull fejn ikunu għandom jiġu ppremjati u inkoraġġuti.

# POLICY TAL-LOCKERS

Is-sistema tal-lockers tipprovdi post li jissakkar fejn student iżomm kotba u materjal tal-iskola li ma jkunx qed juża sabiex inaqqas il-piż żejjed mill-basket. Din is-sistema tgħin sabiex l-istudenti jsiru responsabbli u organizzati. Biex dan l-għan jintlaħaq, ir-regoli ta' hawn taħt għal-lockers għandhom jiġu osservati.
Il-lockers*:*

- huma proprjetà tal-iskola;
- jintużaw biss għall-**kotba u materjal ieħor relatat mal-iskola**;
- m'għandhomx jintużaw għall-**affarijiet ipprojbiti**;
- jinkrew bi spiża ta' kull sena ta' **€3 darba kull sena skolastika;**
- il-lockers jissakkru **b'katnazz u ċavetta** pprovduta mill-istudent;
- l-amministrazzjoni tal-iskola titlob ċavetta żejda imdendla b'tag mingħand kull student. Katnazzi bin-numri mhux aċċettati u l-qies tal-katnazz irid ikun dak mitlub mill-amministrazzjoni tal-iskola;
- il-kirja tal-locker hija mit-tieni ġimgħa t'Ottubru sat-tieni ġimgħa ta' Mejju;
- **il-lockers huma nnumerati u abbinati mal-isem tal-istudenti**. L-ebda student ma jista' jibdel il-locker sakemm ma jirċievix permess mingħand l-Assistant Kap;
- il-lockers jistgħu jintużaw biss waqt il-Form Time, jew fl-ewwel ħames minuti tal-ewwel lezzjoni (meta jkun hemm assembly) u ta' kull brejk. Jekk student jinsa xi

affarijiet fil-locker **hu ma jingħatax permess imur** fil-klassi minħabba li jkun qed ittellef il-lezzjonijiet ta' ħaddieħor;

- hija r-responsabbiltà tal-istudenti li jaraw li ma jinsewx iċ-ċavetta tal-locker id-dar. Mhuwiex l-obbligu tal-Assistent Kap li jiftaħ il-locker meta student jinsa ċ-ċavetta;
- **jistgħu jiġu ċċekkjati għall-kontenut tagħhom** mill-Kap tal-Iskola u l-Assistenti Kapijiet mingħajr ma jintalab permess mill-istudent, u
- **ma jistgħux jinfetħu WAQT il-lezzjonijiet.**

**Jekk ripetutament student juri nuqqas ta' responsabbiltà fl-użu tal-locker, dan l-istudent jista' jitwaqqaf milli juża' l-locker għal tul ta' żmien. Barra minn hekk il-locker jista' jittieħed lura mill-iskola u l-istudent m'għandux jistenna flus lura mħallsa għal-locker.**

## POLICY GĦAL KONTRA L-BULLYING

**L-GĦAN TAL-POLICY** – Niżguraw li l-istudenti jitgħallmu f'ambjent tajjeb mingħajr biża' li jiġu bullied. Il-bullying huwa:

- **imġiba antisoċjali** li taffettwa lil kulħadd;
- **inaċċettabbli** u qatt mhu ttollerat, u
- **imġiba intenzjonata li tweġġa' b'mod ripetittiv fuq perjodu ta' żmien**.

<u>**TIPI TA' BULLYING**</u> - Hemm erbgħa tipi differenti ta' bullying li huma:

a. **fiżiku** (eżempju: daqqiet ta' ponn, daqqiet ta' sieq, serq, fastidju);
b. **verbali** (eżempju: tgħajjir, użu ta' laqmijiet, kummenti razzisti u reliġjużi, fastidju) ;
c. **indirett** (eżempju: tkeskis, tixrid ta' għajdut, esklużjoni ta' xi ħadd minn grupp/i), u
d. **cyberbullying** (eżempju: fastidju permezz tal-użu ħażin tal-media soċjali)

Studenti li jiġu bullied jistgħu juru tibdil fl-imġiba bħal pereżempju jsiru mistħija, anzjużi, juru li jkunu morda meta ma jkunx u jippruvaw ifallu l-iskola. Jista' jkun hemm bidla fix-xogħol u fl-impenn tagħhom, nuqqas ta' konċentrazzjoni jew jiskartaw mill-iskola.

**L-istudenti huma inkoraġġuti biex jirrappurtaw minnufih kull tip ta' bullying li jkun qiegħed isir fl-iskola.**

**ID-DMIR TAL-ISKOLA –** Li nkunu dejjem attenti għall-iċken sinjal ta' bullying u naġixxu fil-pront skont il-linji-gwida kontra l-bullying. Diskussjonijiet dwar il-bullying isiru fil-PSCD, waqt il-ħin mal-Form Teacher, u fl-assemblies skont il-bżonn.

**AZZJONI MEĦUDA MAL-ISTUDENTI VITTMI** - Jingħataw l-għajnuna billi:

- tingħata opportunità immedjata biex **jiġi diskuss dak li jkun ġara;**

- noffru għajnuna ta' **appoġġ kontinwu,** u
- **naċċertaw lill-istudent** ħalli jibda jġib **lura l-kunfidenza mitlufa**.

**AZZJONI MEĦUDA MAL-PERPETRATORS** - Jingħataw għajnuna bħal:

- **niddiskutu** x'ġara fil-każ u naraw għaliex l-istudent kien involut;
- noffru s-**sapport neċessarju lill-istudent**, u
- **naġixxu dwar l-azzjoni ħażina**.

# POLICY DWAR L-EKWITÀ BEJN IS-SESSI

## IT-TRAWWIM TA' RISPETT LEJN ID-DIFFERENZA BEJN IS-SESSI

**L-GĦAN TAL-POLICY** - L-ekwità bejn is-sessi tfisser li l-bniet u s-subien jiġu ttratati bl-istess mod. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri tfisser li l-bniet kif ukoll is-subien ikollhom opportunitajiet indaqs sabiex jilħqu l-massimu tad-drittijiet umani tagħhom.

**LINJI-GWIDA GĦAR-RESPONSABBILTAJIET** – Huwa obbligu ta' kulħadd li jħares l-ekwità bejn is-sessi u jiżgura opportunitajiet indaqs għal kulħadd. L-iskola tiżgura li:

- it-tagħlim fl-iskola huwa inklussiv fil-kuntest ta' ekwità bejn is-sessi;
- it-tagħlim fl-iskola jilħaq il-bżonnijiet edukattivi tal-bniet kif ukoll tas-subien;
- il-materjal ipprovdut fl-iskola ma jinkludix sterjotipi u diskriminazzjoni bejn is-sessi;
- il-kurrikulu pprovdut jagħraf il-bidliet fl-irwoli familjari;
- tkun użata lingwa inklussiva f'kull qasam tal-ħajja skolastika;
- il-faċilitajiet fl-iskola jistgħu jiġu użati mill-istudenti kollha, kemm bniet u subien;
- ikunu żviluppati strateġiji li jitrattaw inċidenti ta' fastidju u diskriminazzjoni sessista;
- jinżammu aspettattivi għolja kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien, u
- imġiba li ttellef u tiddomina tkun indirizzata immedjatament.

Kull membru tal-iskola huwa responsabbli li jara li l-prinċipji tar-**rispett**, il-**ġustizzja** u d-**dinjità** huma dejjem imħaddma fl-iskola:

- l-SMT, l-għalliema u l-LSEs jiżguraw li jitrattaw lill-istudenti kollha b'rispett, ġustizzja u dinjità fuq każijiet ta' dixxiplina;
- dixxiplina pożittiva hija enfasizzata fl-iskola;
- ikun hemm **tolleranza zero** rigward rimarki sessisti;
- ikun hemm **tolleranza zero** rigward kull forma ta' bbuljar;
- waqt l-assemblies tal-iskola u f'okkażjonijiet oħra, l-istudenti joqogħdu **f'ordni alfabetika** wara xulxin;
- il-Form Teachers japplikaw il-prinċipju tal-ekwità bejn is-sessi meta jagħżlu l-**prefects** u s-**sub-prefects** tal-klassijiet tagħhom;

- l-Assistenti Kapijiet japplikaw il-prinċipju tal-ekwità bejn is-sessi meta jagħżlu l-**ischool prefects**;
- l-għalliema li jorganizzaw **ħarġiet edukattivi** jiżguraw li kemm il-bniet kif ukoll is-subien jattendu għal dawn il-ħarġiet, u
- l-għalliema li jorganizzaw **attivitajiet** waqt il-brejks kif ukoll attivitajiet oħra matul is-sena skolastika, li kemm il-bniet kif ukoll is-subien jipparteċipaw f'dawn l-inizjattivi.

## POLICY DWAR IKEL TAJJEB GĦAS-SAĦĦA

**L-GĦAN TAL-POLICY –** Gwida ċara sabiex l-istudenti jaddotaw stil ta' ħajja tajba għas-saħħa. L-ikel fil-lista t'hawn taħt **mhuwiex permess fl-iskola**:

- ikel li għandu **livell ta' xaħam, zokkor u melħ għoli**;
- **pakketti tal-isnacks**;
- **soft drinks** u **sugar sweetened drinks**, u
- **ħelu u ċikkulata**

Huwa ssuġerit li:

- Qabel mal-istudenti jiġu l-iskola, huma għandhom jingħataw **kolazzjoni bnin**.
- L-istudenti jġibu magħhom **ilma** biss bħala xorb.
- L-istudenti jistgħu jużaw il-**water fountain tul il-ħinijiet tal-brejk**.
- L-istudenti jingħataw lunch tajjeb għas-saħħa, bħal pereżempju **ħobż frisk mimli b'affarijiet tajbin għas-saħħa.**

**Il-Policy Dwar l-Ikel Tajjeb għas-Saħħa tapplika wkoll għal ħarġiet u attivitajiet organizzati mill-iskola.**

**It-Tuck Shop tal-iskola** tagħna jaħdem f'konformità sħiħa ma' din il-Politika dwar l-Ikel tajjeb għas-Saħħa u jippromwovi stil ta' ħajja b'sana billi joffri biss oġġetti elenkati fil-Lista tal-Ikel u x-Xorb Permessi. L-ikel kollu jiġi ppreparat frisk fuq il-post kuljum skolastiku, u jinbiegħu biss ilma u x-xarbiet oħra approvati.

## POLICY KONTRA T-TIPJIP

Skont l-**Att 27 tas-sena 2000 tal-Liġijiet ta' Malta,** l-iskola hija obbligata tassigura s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati tagħha u tal-istudenti bl-adozzjoni ta' policy kontra t-Tipjip. **Kriterji speċifiċi ġew imposti bl-Avviż Legali tal-2003.**

L-iskejjel jaħdmu kontra t-tipjip. Għaldaqstant, ġol-binja tal-iskola, l-amministrazzjoni:

- tistinka sabiex tipprovdi ambjent ta' arja nadifa;
- tassigura li l-impjegati li ma jpejpux ikunu protetti mill-iskumdità tad-duħħan tat-tabakk fuq il-post tax-xogħol.

Din il-policy tapplika għall-membri kollha tal-istaff u studenti, kif ukoll għall-viżitaturi waqt li jkunu qegħdin fil-binja tal-iskola, li jinkludu dawk waqt Jum il-Ġenituri (jekk ma tkunx online). Għalliema li jkunu qegħdin jagħmlu servizz barra mill-iskola jimxu wkoll ma' din il-policy.

## POLICY DWAR IL-MOBILE

**L-użu jew il-pussess ta' mobiles mill-istudenti fl-iskola mhux permess**.

L-amministrazzjoni tal-iskola hija konxja li f'ċerti ċirkostanzi xi studenti jkollhom bżonn iġibu l-mobile phone magħhom l-iskola. Din għandha **tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola**. Jekk dan ikun il-każ, il-ġenituri għandhom:

· madwar jumejn qabel, jiktbu nota lill-Assistent Kap biex jispjegaw għala wliedhom għandhom bżonn iġibu l-mobile magħhom l-iskola, u

· fil-ġurnata, l-istudent għandu jippreżenta n-nota tal-ġenituri flimkien mal-mobile lill-Assistant Kap hekk kif immedjatament jasal l-iskola.

**Il-pussess u/jew l-użu mhux awtorizzat ta' mobiles** iwassal għal:

- konfiskazzjoni awtomatika tal-mobile għal perjodu ta' mill-anqas 20 ġurnata skolastika (is-SIM tista' tingħata lura meta mneħħija mill-istudent), u
- it-tieni darba li jinstab pussess mhux awtorizzat twassal għall-konfiska tal-apparat għall-bqija tas-sena skolastika.

**Dan kollu japplika wkoll għal gadgets oħra, inklużi Smartwatches.**

L-użu ta' mobile relatat ma' apparat għall-**Monitoraġġ Kontinwu taz-Zokkor fid-Demm** għandu jkun permess **skont iċ-Ċirkolari DES 19/2022**.

## POLICY DWAR ĦARĠIET EDUKATTIVI

**L-GĦAN TAL-POLICY –** Il-ħarġiet edukattivi fil-kalendarju tal-iskola:

- jagħtu **sapport lix-xogħol tal-klassi**;
- iservu ta' **stimulu u esperjenzi ta' pjaċir**;
- jagħtu **opportunitajiet ta' attivitajiet** li ma jistgħux isiru fil-bini tal-iskola, u
- jinkoraġġixxu lill-istudenti sabiex **jintegraw ma' oħrajn.**

**LINJI-GWIDA ĠENERALI**

- Kull ħarġa tkun **edukattiva** u relatata mal-kurrikulu nazzjonali.
- Il-ħarġiet ikunu **organizzati sew** u **ppjanati bil-għaqal** minn qabel.
- Ma jkunux organizzati ħarġiet fit-**tliet ġimgħat** ta' qabel l-eżamijiet.
- Kull klassi ma tistax toħroġ aktar minn **darba fix-xahar**.

## QABEL IL-ĦARĠA EDUKATTIVA

- L-għalliema li qed jorganizzaw irid ikollhom l-approvazzjoni għall-ħarġa kemm mingħand l-Assistent Kap li tieħu ħsieb il-ħarġiet edukattivi **u** kif ukoll mill-Assistent Kap tas-Sena minn tal-anqas **tliet ġimgħat qabel**.
- Wara l-approvazzjoni għall-ħarġa l-għalliema li qed jorganizzaw iridu jgħaddu d-dettalji kollha dwar il-ħarġa lill-Assistent Kap li tieħu ħsieb il-ħarġiet.
- L-għalliema jridu jimlew it**-template ta' informazzjoni dwar il-ħarġiet edukattivi** bid-dettalji kollha u jibagħtuha f'email lill-ġenituri/kustodji tal-istudenti involuti minn tal-anqas **ġimagħtejn qabel**. Din l-istess informazzjoni għandha titella' bħala avviż fuq Teams mill-għalliema stess.
- L-għalliema li qegħdin jorganizzaw għandhom jiċċekkjaw mal-Assistent Kap tas-Sena li l-ġenituri/kustodji tal-istudenti involuti ffirmaw il-Formula Ġenerali ta' Kunsens għall-Ħarġiet Edukattivi u li l-ebda ġenitur/kustodju ma rrifjuta li jibgħat lil ibnu/bintu għal dik il-ħarġa partikolari.
- Il-flus dovuti għall-ħarġa jridu jinġabru u jingħataw lill-Assistent Kap li tieħu ħsieb il-ħarġiet edukattivi **mhux aktar tard minn jumejn qabel il-ħarġa.**
- L-għalliema li qegħdin jorganizzaw il-ħarġa jridu jippreparaw lista tal-istudenti li għandhom peress joħorġu għal dik il-ħarġa partikolari. It-template ta' din il-lista tista' tinġabar mingħand l-Assistent Kap li tieħu ħsieb il-ħarġiet edukattivi.
- **Kull ħmistax-il student** jiġi akkumpanjat minn **membru tal-istaff** waqt il-ħarġa imma qatt ma jkun hemm inqas minn żewġ għalliema.
- Minħabba t-teaching load u r-replacements hija d-deċiżjoni tal-Amministrazzjoni tal-Iskola liema għalliema jkunu ser jakkumpanjaw lill-istudenti għall-ħarġa.

## DAKINHAR TAL-ĦARĠA EDUKATTIVA

- L-għalliema jridu jiltaqgħu mal-istudenti quddiem l-uffiċċju tal-Assistent Kap tas-Sena fil-ħin miftiehem.
- Għal kull ħarġa l-istudenti jridu jilbsu l-**uniformi** tal-iskola għax din tagħti identità.
- L-għalliema għandhom jiċċekkjaw li l-istudenti lebsin l-uniformi kif suppost.
- Studenti bi stil ta' xagħar u/jew b'kulur tax-xagħar u b'nuqqasijiet fl-uniformi kif indikat ċar fil-Policy tal-Uniformi tal-Iskola **ma jitħallewx** jattendu għall-ħarġa.
- L-istudenti **m'għandhomx jieħdu oġġetti ta' valur magħhom waqt il-ħarġa**.
- **Qabel jitilqu mill-iskola** l-għalliema responsabbli mill-ħarġa jridu jgħaddi kopja tal-attendenza tal-istudenti lill-iskrivani (jimmarkaw kemm l-istudenti li ġew **u** li ma ġewx).
- Qabel jitilqu mill-iskola l-għalliema responsabbli mill-ħarġa jridu jiġbru mir-reception tal-iskola l-first aid box.
- Tul ħin il-ħarġa huwa importanti li l-istudenti kollha jkunu taħt il-ħarsien kontinwu tal-għalliema u għall-ebda raġuni ma jitħallew waħedhom.

- L-għalliema għandhom jibqgħu mal-istudenti li kienu assenjati lilhom tul il-ħarġa kollha, hekk kif ikun spjegat fuq il-What's On ta' kull ġimgħa.
- Huwa rakkomandat li l-għalliema jkollhom magħhom il-lista tal-istudenti bin-numri tat-telefon tal-ġenitur/kustodju f'każ ta' emerġenza.
- Tajjeb li l-għalliema jieħdu ritratti u video clips waqt il-ħarġa edukattiva. Dan il-materjal għandu wara jiġi mtella' fuq id-Dropbox link fic-channel bl-isem Collection of Photos and Videos fuq it-Teams tal-istaff.
- Meta student ifalli l-iskola u ma jattendix**,** ma jkunx possibbli li jingħata l-flus lura minħabba li t-trasport ikun irid jitħallas xorta.

## POLICY DWAR IL-KURA PASTORALI

**L-GĦAN TAL-POLICY –** Nassiguraw l-iżvilupp sħiħ tal-istudenti tagħna bħala persuni stmati, imħarsa u rrispettati kif jixraq. L-istudenti jħossu sens ta' familja, ikunu komdi fis-soċjetà u jiksbu s-suċċess mixtieq. Din il-policy tissawwar skont l-missjoni tal-iskola.

Il-kura pastorali tiġi fis-seħħ jekk **ngħinu lil kull student itejjeb kemm jiflaħ it-tajjeb tiegħu/tagħha.** Il-membri tal-istaff jimpenjaw ruħhom li jkunu għajnejhom miftuħa ħalli jintebħu b'dawk l-istudenti li jeħtieġu għajnuna. Bħala skola qed nimpenjaw ruħna li:

- nipprovdu ambjent fejn kulħadd iħossu sigur, maħbub u rrispettat;
- nagħrfu l-individwalità u d-dinjità ta' kull student,
- inkabbru relazzjonijiet li jispiraw il-ħajja tal-istudenti;
- insaħħu l-għaqda bejn l-għalliema u l-istudenti;
- inrawmu attitudni ta' rispett sabiex l-istudenti jħossuhom stmati u mħarsa.

**Il-kura pastorali hija importanti immens għaliex l-istudenti tagħna qed ikollhom iġarrbu ħafna minħabba l-bidliet mgħaġġla tal-ħajja, l-instabbilità fil-familja, problemi fil-ħarsien tat-tfal u raġunijiet personali oħra.**

**L-IMSIEĦBA B'INVOLVIMENT DIRETT**

Il-Kap tal-Iskola
L-Assistenti Kapijiet
Il-Heads of Department
Il-Counsellor
Il-Year Coordinator
L-Għalliema tal-Guidance
Il-Form Teachers
L-Għalliema
Il-LSEs
Il-Kunsill tal-Istudenti
School Prefects
Il-Prefects tal-Klassijiet
Il-Ġenituri/Kustodji

# PROĊEDURI SPEĊIFIĊI

**Superviżjoni barra mill-klassi** – Matul il-brejks ta' filgħodu u ta' nofsinhar, u fil-ħin tal-ħruġ mill-iskola, l-istudenti jkollhom is-superviżjoni tal-għalliema/LSEs. L-istudenti huma mħeġġa li jipparteċipaw fl-attivitajiet varji li jsiru tul il-brejk it-twil.

**Mard/Korriment** – Isir kuntatt mill-ewwel mal-ġenituri biex uliedhom jittieħdu id-dar.

**Mediċini** – Fil-bidu ta' kull sena skolastika l-ġenituri jkunu mitluba jinfurmaw lill-iskola b'xi problemi li jssofru minnhom uliedhom. Dawk l-istudenti li jkollhom bżonn xi mediċina matul il-ħin tal-iskola **ma jistgħux joħduha waħidhom** u **lanqas jistgħu jżommuha fuqhom jew fil-basket/locker**. **Mediċini ma jistgħux jingħataw mill-istaff tal-iskola. Il-ġenituri ta' dawn l-istudenti għandhom jimlew il-formola meħtieġa sabiex jikkuntattjaw lill-infermiera mqabbda apposta għal dan l-iskop.**

**Meta student ifalli** – Meta student ifalli minħabba mard/raġuni oħra, il-ġenituri jibagħtu nota/ċertifikat tat-tabib b'ittra elettronika fuq stmc.zejtun.ss@ilearn.edu.mt qabel mal-istudent jerġa' lura l-iskola. Jekk dan ma jsirx, l-iskola tieħu l-passi meħtieġa skont ir-regoli fl-interess tal-istudent.
Jekk student għandu **bżonn jitlaq kmieni mill-iskola**, dan irid jippreżenta **nota iffirmata mill-ġenituri li tinkludi r-raġuni u n-numru tal-identità lill-Assistent Kap tas-Sena** minn **tal-anqas ġurnata qabel**. Minn hemm 'il quddiem l-Assistent Kap jiggwida hu/hi lill-istudent x'għandu jagħmel.

**L-emerġenzi huma l-eċċezzjoni u mhux ir-regola**. Il-ġenituri ma jistgħux jistennew li jiġu għal uliedhom mingħajr avviż u li l-istaff tal-iskola jmur barra minn triqtu sabiex isib lil uliedhom.

**Sistema ta' Sigurtà** – Il-gate tal-iskola tingħalaq fit-8.25am. Ħadd ma jista' jidħol jekk ma jurix min hu u għaliex jixtieq jidħol. Sistema ta' intercom tipprovdi komunikazzjoni immedjata bejn il-gate u l-uffiċċju.

**Parents' Day** – Din se ssir online mqassma fuq jumejn konsekuttivi u meta jkun hemm il-ħtieġa. Laqgħat ta' dan it-tip iwarrbu jew itaffu l-problemi qabel jikber l-inkwiet.

**L-ebda ġenitur ma jista' jippretendi li jippreżenta ruħu l-iskola bla appuntament** u jkellem lill-Kap tal-iskola, Assistenti Kapijiet, għalliema tal-guidance jew għalliema. **Irid jiġi ffissat appuntament biex tkun tista' titkellem ma' uffiċjali tal-iskola.**

**Attenzjoni b'kura personali** – L-istudenti jkunu mfakkra li huma jistgħu jitkellmu ma' liema membru tal-istaff li jafdaw fih, u jitkellmu f'kunfidenzjalità dwar dak li jixtiequ u li forsi jkun stressanti għalihom. L-għalliema li jitkellmu mal-istudent huma fid-dmir li jkunu responsabbli u prudenti, u li jirreferu lill-istudent meta jkun hemm bżonn.

# POLICY DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Il-Kulleġġ San Tumas More, Skola Medja u Sekondarja, iż-Żejtun, **tikkonforma mal-Att tal-2001 dwar il-Protezzjoni tad-Data**, li jirregola l-ipproċessar ta' informazzjoni personali sew jekk isir bil-kitba jew b'mod elettroniku. **L-iskola tipproċċessa t-tagħrif personali skont l-obbligazzjonijiet legali li joħorġu mill-Att tal-Edukazzjoni tal-1988**.

Il-Kap tal-Iskola huwa l-kontrollur tad-data skont l-Att Dwar il-Protezzjoni tad-Data, u fuqu taqa' r-responsabbiltà biex jiżgura li l-informazzjoni personali tkun ipproċessata tajjeb. Il-membri kollha tal-istaff fl-iskola konnessi mal-ipproċessar tad-data huma konxji mid-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom skont din il-policy.

**GĦANIJIET GĦALL-ĠBIR TA' INFORMAZZJONI -** Din l-iskola tipproċessa tagħrif personali dwar studenti, il-ġenituri/kustodji legali għall-iskopijiet li ġejjin:

- amministrazzjoni;
- progress akkademiku;
- il-ġid tal-istudenti;
- is-saħħa, u
- statistika u stħarriġ.

**IPPROĊESSAR TA' MATERJAL VIŻWALI –** L-iskola tippermetti li waqt l-attivitajiet skolastiċi jittieħdu ritratti u videos u hija responsabbli biss għal dawk li jinġibdu minn rappreżentanti tal-iskola. Dawk li waqt xi attività skolastika jieħdu immaġini viżwali għall-użu personali tagħhom, ikunu miżmuma responsabbli għal dak li jsir minn dawn l-immaġini viżwali. Meta ġurnalisti jattendu attività tal-iskola, huma jsaqsu lill-Kap tal-Iskola dwar xi oġġezzjonijiet li jittieħdu immaġini viżwali ta' xi tfal partikulari.

Għall-istudenti ta' din l-iskola, jintalab permess mill-ġenituri/kustodji meta immaġini viżwali jittieħdu minn rappreżentanti tal-iskola waqt attivitajiet mhux kurrikulari:

- f'materjal stampat (bħal pereżempju rivisti tal-iskola);
- fuq noticeboards tal-iskola;
- fil-medja, inklużi l-gazzetti u t-televiżjoni, u
- fl-internet (websites tal-iskola u tad-Direttorat tal-Edukazzjoni).

Il-ġenituri/kustodji jistgħu jirtiraw il-kunsens tagħhom billi **jgħarrfu bil-miktub** lill-Kap tal-Iskola. Ma tittieħed l-ebda immaġini tal-istudent wara li jkun ġie irtirat il-kunsens.

**MIN JISTA' JUŻA L-INFORMAZZJONI -** Tagħrif personali ma jgħaddix għand terzi persuni mingħajr permess tal-ġenituri/kustodji u jekk mhux b'obbligu legali jew għax ikun fl-aħjar interess ta' wliedhom. Hemm ċirkostanzi meta data personali tkun mgħoddija lil terzi mingħajr ma jintalab permess lil dawn t'hawn taħt:

- id-Direttorati tal-Edukazzjoni;
- il-Prinċipal tal-Kulleġġ;

- skejjel oħra;
- awtoritajiet tal-eżamijiet;
- awtoritajiet tas-Saħħa;
- sptarijiet/kliniċi/professjonisti mediċi oħra;
- il-Pulizija;
- ħaddiema soċjali/aġenziji ta' sapport;
- Jobsplus, u
- il-Qrati

**ID-DRITTIJIET TAL-ISTUDENT/A U L-ĠENITUR/KUSTODJU LEGALI -** L-istudenti u l-ġenituri/kustodji legali għandhom id-dritt li jingħataw:
a) informazzjoni li tkun ġiet ipproċessata dwarhom;
b) deskrizzjoni minn fejn ikun inġabar dan it-tagħrif, u
ċ) l-għan għala tkun ġiet ipproċessata din l-informazzjoni.

It-talba trid issir bil-miktub u indirizzata lill-Kap tal-Iskola. Meta t-tagħrif personali ma jkunx korrett, dan ikun emendat wara li tiġi ppreżentata l-karta tal-identità.

**ŻAMMA TA' TAGĦRIF PERSONALI -** L-iskola ma żżommx id-data għal iktar milli jkun hemm bżonn. Kull tagħrif personali li għandu x'jaqsam ma' studenti/ġenituri/kustodji, jinżamm tul iż-żmien li l-istudent ikun jattendi l-iskola.

**Dawn il-policies jiġu reveduti kull sena u implimentati fl-iskola kollha.**

**Is-Senior Management Team**
**Kulleġġ San Tumas More**
**Carlo Diacono**
**Skola Medja u Sekondarja**
**Żejtun.** **Settembru 2025**

KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE
CARLO DIACONO
Skola Medja u Sekondarja, Żejtun